SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

18 ta' Ottubru 2016 *

"Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Rikors għal annullament — Terminu tar-rikors — Adattament tal-konklużjonijiet — Ammissibbiltà — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Modulazzjoni tal-effetti ratione temporis ta' annullament"

Fil-Kawża T-418/14,

Sina Bank, stabbilit f'Teheran, (l-Iran), irrappreżentata minn B. Mettetal u C. Wucher-North, avukati,

rikorrent,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn B. Driessen u D. Gicheva, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif tirriżulta mill-avviż tal-15 ta' Marzu 2014 għall-attenzjoni ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/143/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2014, C 77, p. 1), li żżomm l-inklużjoni tal-isem tar-rikorrenti fil-lista fl-Anness II tad- Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU 2010, L 195, p. 39), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 (ĠU 2010, L 281, p. 81), u l-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012, L 88, p. 1), u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/776/PESK, tas-7 ta' Novembru 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2014, L 325, p. 19), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1202/2014, tas-7 ta' Novembru 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2014, L 325, p. 3), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1008, tal-25 ta' Ġunju 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU 2015, L 161, p. 19), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1001, tal-25 ta' Ġunju 2015, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 (ĠU 2015, L 161, p. 1), sakemm dawn l-atti jżommu l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista li tinsab tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, u fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn H. Kanninen, President, I. Pelikánová (Relatur) u E. Buttigieg, Imħallfin,

Reġistratur: M. Junius, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-8 ta' April 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1. *Miżuri restrittivi adottati kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran*

1 Din il-kawża tidħol fil-kuntest tal-miżuri restrittivi li ġew introdotti sabiex issir pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex din ittemm l-attivitajiet nukleari b'riskju ta' proliferazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari (iktar 'il quddiem, il-"proliferazzjoni nukleari").

2. *Miżuri restrittivi li jikkonċernaw ir-rikorrent*

2 Ir-rikorrent, Sina Bank, huwa bank Iranjan, irreġistrat bħala kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

3 Fis-26 ta' Lulju 2010, isem ir-rikorrent ġie inkluż fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU 2010, L 195, p. 39).

4 Konsegwentement, isem ir rikorrent ġie inkluż ukoll fil-listali tinsab fl-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007, tad-19 ta' April 2007, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 335M, p. 969). Din l-inklużjoni tal-aħħar daħlet fis-seħħ fid-data ta' pubblikazzjoni tar-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 668/2010, tas-26 ta' Lulju 2010, li jimplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 195, p. 25), fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri fis-27 ta' Lulju 2010. Hija għandha bħala effett l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi (iktar 'il quddiem l-"iffriżar tal-fondi") tar-rikorrent.

5 L-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-listi li jinsabu fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 kienu bbażati fuq ir-raġunijiet li ġejjin:

"Dan il-bank huwa marbut ħafna mal-interessi ta' "Daftar"; (uffiċċju ta' Mexxej: [tar-revoluzzjoni Iżlamika] amministrazzjoni magħmula minn madwar 500 kollaboraturi). B'hekk huwa jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-interessi strateġiċi tar-reġim."

6 Permezz ta' ittra tas-27 ta' Lulju 2010, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea informa lir-rikorrent bl-inklużjoni ta' ismu fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u fuq dik li tinsab fl-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007. Kopja ta' dawn l-atti tal-aħħar ġiet annessa ma' din l-ittra.

7 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Settembru 2010, ir-rikorrent isostni l-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-inklużjoni inkwistjoni u stieden lill-Kunsill sabiex jikkunsidra mill-ġdid din l-inklużjoni.

8 Wara r-reviżjoni tas-sitwazzjoni tar-rikorrent, il-Kunsill żamm l-inklużjoni ta' isem din tal-aħħar fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK, tal-25 ta' Ottubru 2010, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU 2010, L 281, p. 81), b'effett mill-istess jum.

9 Bl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU 2010, L 281, p. 1), isem ir-rikorrent ġie inkluż, għal raġunijiet identiċi għal dawk diġà msemmija fil-punt 5 hawn fuq, fil-lista li tinsab fl-Anness VIII tal-imsemmi regolament, b'effett mis-27 ta' Ottubru 2010.

10 Permezz tal-ittra tat-28 ta' Ottubru 2010, innotifikata lir-rikorrent fil-5 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill informa lil dan tal-aħħar li, wara reviżjoni tas-sitwazzjoni tiegħu fid-dawl tal-osservazzjonijiet li jinsabu fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Settembru 2010, huwa għandu jibqa' suġġett għall-miżuri restrittivi.

11 Permezz tal-ittri tas-6 u tal-20 ta' Diċembru 2010, ir-rikorrent ikkontesta, permezz tal-avukati tiegħu, iż-żamma tal- miżura tal-iffriżar tal-fondi meħuda fir-rigward tiegħu. Għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, l- avukati talbu lil-Kunsill li jagħtihom aċċess għall-proċess u li jikkomunikalhom il-provi li jiġġustifikaw iż-żamma tal-miżura meħuda.

12 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Jannar 2011, ir-rikorrent ippreżenta rikors intiż, essenzjalment, għall-annullament tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644,u tal-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010, sa fejn dawn jikkonċernawh. Din il-kawża ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali bir-referenza T-15/11.

13 Permezz ta' ittra tat-22 ta' Frar 2011, il-Kunsill ikkomunika lill-avukati tar-rikorrent id-dokument bin-numru 6724/11, li fih il-provi ta' proċess insostenn tal-motivi ċċitati fil-punt 5 hawn fuq.

14 Permezz ta' ittra tat-18 ta' Lulju 2011, ir-rikorrent ikkontesta mill-ġdid iż-żamma tal-miżura tal-iffriżar tal-fondi meħuda fir-rigward tiegħu.

15 Wara eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tar-rikorrent, il-Kunsill żamm l-inklużjoni ta' isem dan tal-aħħar fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, u l-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010, b'effett, rispettivament, mill-1 ta' Diċembru 2011, jum tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2011/783/PESK, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU 2011, L 319, p. 71), u fit-2 ta' Diċembru 2011, jum tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2011 tal-1 ta' Diċembru 2011 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2011, L 319, p. 11).

16 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2011, innotifikata fl-istess jum lir-rikorrent, il-Kunsill informa lil dan tal-aħħar li huwa għandu jibqa' suġġett għall-miżuri restrittivi. F'din l-ittra, il-Kunsill irrileva li, "jekk madwar 36 % tal-ishma ta' [r-rikorrenti] [kienu] mibjugħa permezz ta' offerta pubblika, jibqa' l-ikbar azzjonist [kienet] il-Fondazzjoni [Mostazafan], li [kienet] korp pubbliku li jirrapporta lill-Mexxej" u li [hija] tibqa' għalhekk tal-fehma li [r-rikorrent kien] marbut ħafna mal-interessi ta' "Daftar" (Uffiċċju tal-Mexxej), u ikkontribbwixx[a], b'dan il-mod, għall-finanzjament tal-interessi strateġiċi tar-reġim".

17 Permezz ta' ittra tat-23 ta' Jannar 2012, reġa' mill-ġdid ikkontesta, permezz tal-avukati tiegħu, iż-żamma tal-miżura tal-iffriżar tal-fondi meħuda fir-rigward tiegħu. Għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, l-avukati talbu lill-Kunsill sabiex jagħtihom aċċess għall-proċess u li jikkomunikalhom il-provi li jiġġustifikaw iż-żamma tal-miżura meħuda.

18 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 ta' Frar 2012, ir-rikorrent ippreżenta rikors intiż, essenzjalment, għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni 2011/783 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 1245/2011, sa fejn dawn kienu żammew, wara eżami mill-ġdid, ismu inkluż

fil-lista li tidher, rispettivament, fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, u fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010, u, it-tieni nett, tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 961/2010 kif ukoll tal-Artikolu 19(1)(b) u tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet kienu jirrigwardawh. Din il-kawża ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali bir-referenza T-67/12.

19 Bl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012, L 88, p. 1), isem ir-rikorrent ġie inkluż, għall-istess raġunijiet li ssemmew diġà fil-punt 5 hawn fuq, fil-lista li tinsab fl-Anness IX tal-imsemmi regolament, b'effett mill-24 ta' Marzu 2012.

20 Permezz tas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-15/11, EU:T:2012:661), il-Qorti Ġenerali annullat l-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, u l-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010, sa fejn dawn jirrigwardaw lir-rikorrent. Madankollu, huwa żamm l-effetti tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, fir-rigward tar-rikorrent sakemm isir effettiv l-annullament tal-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010, sa fejn din tirrigwarda lir-rikorrenti. Peress li ma ġie ppreżentat ebda appell mis-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-15/11, EU:T:2012:661), din saret definittiva u kisbet is-saħħa ta' *res judicata*.

21 Fil-15 ta' Marzu 2014, il-Kunsill ippubblika avviż għall-attenzjoni ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/413 u fir-Regolament Nru 267/2012 (ĠU 2014, C 77, p. 1), li tistabbilixxi d-deċiżjoni tiegħu, meħuda wara l-eżami mill-ġdid, li tkompli tapplika l-miżuri restrittivi previsti mid-Deċiżjoni 2010/413 u mir-Regolament Nru 267/2012 għall-persuni u għall-entitajiet li isimhom huwa inkluż fil-lista li tinsab fl-Anness II ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar u fFl-Anness IX ta' dan ir-regolament tal-aħħar.

22 Permezz ta' ittra tal-14 ta' April 2014, ir-rikorrent, mill-ġdid, ikkontesta quddiem il-Kunsill iż-żamma tal- miżura tal-iffriżar tal-fondi meħuda fir-rigward tiegħu.

Fatti li seħħew wara l-preżentata ta' dan ir-rikors

23 Permezz tas-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2014, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-67/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:348), il-Qorti Ġenerali, minn naħa, ċaħdet ir-rikors quddiemha bħala li ġie mressaq quddiem qorti li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tiegħu, peress li huwa intiż għall-annullament tal-Artrikolu 19(1)(b) u tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413, peress li inammissibbli, inkwantu intiż għall-annullament tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 961/2010, u, min-naħa l-oħra, annullat id-Deċiżjoni 2011/783 u r-Regolament Nru 1245/2011, sa fejn dawn l-atti kienu żammew, wara eżami mill-ġdid, l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, u fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010. Peress li ma ġie ppreżentat l-ebda appell mis-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2014, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-67/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:348), din saret definittiva u kisbet is-saħħa ta' *res judicata*.

24 Permezz ta' messaġġ elettroniku tal-1 ta' Settembru 2014, il-Kunsill indika lill-avukati tar-rikorrent li, eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni ta' din tal-aħħar, iddeċieda li jżomm l-inklużjoni ta' ismu fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, u Fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 (iktar 'il quddiem il-"lista kkontestata"), għar-raġunijiet segwenti:

"Sina Bank hu kkontrollat minn Mostazafan Foundation, entità parastatali ewlenija Iranjana kkontrollata direttament mill-Mexxej […], u li għandha 84 % tal-ishma f'Sina Bank. Huwa jipprovdi servizzi finanzjarji lil Mostazafan Foundation u l-grupp tagħha ta' unitajiet u kumpanniji sussidjarji. Għaldaqstant, Sina Bank jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran permezz ta' Mostazafan Foundation."

25 Anness mal-istess messaġġ, il-Kunsill ikkomunika d-dokumenti bir-referenza MD RELEX 169 sa 174/14, li fihom il-provi tal-proċess insostenn tar-raġunijiet ċċitati fil-punt 24 hawn fuq.

26 Permezz ta' ittra tal-17 ta' Settembru 2014, ir-rikorrent ikkontesta ż-żamma tal-miżura tal- iffriżar tal-fondi meħuda fir-rigward tiegħu. B'mod partikolari, huwa kkontesta l-perċentwali ta' ishma tal-kapital tagħha detenuta mill-Fondation Mostazafan tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (iktar 'il quddiem il-"Fondazzjoni").

27 Permezz tad- Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/776/PESK, tas-7 ta' Novembru 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU 2014, L 325, p. 19), ir-raġunijiet tal-inklużjoni tal-isem tar-rikorrent fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, ġew emendati fis-sens indikat fil-punt 24 hawn fuq, b'effett mit-8 ta' Novembru 2014.

28 Konsegwentement, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1202/2014 tas-7 ta' Novembru 2014 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 (ĠU 2014, L 325, p. 3), ir-raġunijiet għall-inklużjoni tal-isem tar-rikorrent fil-lista li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 ġew ukoll emendati kif indikat fil-punt 24 hawn fuq, b'effett mit-8 ta' Novembru 2014.

29 Permezz ta' ittra nnotifikata lir-rikorrent fl-10 ta' Novembru 2014, il-Kunsill indika li din tal-aħħar għandha tibqa' suġġetta għal miżuri restrittivi għar-raġunijiet iċċitati fil-punt 24 hawn fuq. Huwa żied li l-allegazzjoni tar-rikorrent, fl-ittra tas-17 ta' Settembru 2014, skont liema l-perċentwali ta' ishma tal-Fondazzjoni fil-kapital tiegħu niżlu, wara Marzu 2011, minn 80 % sa 63.52 % kienet infondata, u barra minn hekk, kienet kontradetta mill-istat finanzjarju tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2012, skont liema l-ishma tal-Fondazzjoni fil-kapital tar-rikorrent kien dejjem ta' 84 % f'Marzu 2012.

30 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Jannar 2015, ir-rikorrent ikkontesta iż-żamma tal-miżura tal-iffriżar tal-fondi meħuda fir-rigward tiegħu. Huwa fakkar it-talbiet tiegħu li jingħata aċċess għall-proċess u għad-dokumenti kollha li jiġġustifikaw din il-miżura.

31 Permezz tad- Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1008, tal-25 ta' Ġunju 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU 2015, L 161, p. 19), u permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1001, tal-25 ta' Ġunju 2015, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 (ĠU 2015, L 161, p. 1), il-Kunsill, wara eżami mill-ġdid, żamm l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista kkontestata, għar-raġunijiet iċċitati fil-punt 24 hawn fuq, b'effett mis-27 ta' Ġunju 2015.

32 Permezz ta' ittra u ta' messaġġ elettroniku tas-26 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill informa lill-avukati tar-rikorrent li din tal-aħħar kienet se tibqa' suġġetta għal miżuri restrittivi għar-raġunijiet iċċitati fil-punt 24 hawn fuq.

33 Permezz ta' ittra tal-31 ta' Lulju 2015, ir-rikorrent ikkontesta, permezz tal-avukati tiegħu, iż-żamma tal-miżura tal-iffriżar tal-fondi meħuda fir-rigward tiegħu u tenna t-talbiet tiegħu li jingħata aċċess sħiħ u għad-dokumenti kollha li jiġġustifkaw il-miżura meħuda.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

34 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent ippreżenta dan ir-rikors, li huwa intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif jirriżulta mill-avviż ippubblikat fil-15 ta' Marzu 2014, li tinżamm l-inklużjoni ta' ismu fil-lista kkontestata (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") u tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn jikkonċernah.

35 Fit-2 ta' Settembru 2014, il-Kunsill ippreżenta risposta.

36 Fit-22 ta' Ottubru 2014, ir-rikorrent ippreżenta replika.

37 Fl-4 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill ippreżenta kontroreplika.

38 Fis-16 ta' Jannar 2015, ir-rikorrent ippreżenta, fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, l-ewwel nota fir-rigward tal-adattament tal-konklużjonijiet tiegħu, bil-għan li dawn tal-aħħar jirrigwardaw ukoll id-Deċiżjoni 2014/776 u r-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 1202/2014, sa fejn dawn l-atti żammew l-inklużjoni ta' ismu fil-lista kkontestata.

39 Fid-9 ta' Frar 2015, il-Kunsill ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-ewwel adattament tat-talbiet ta' dan ir-rikors.

40 Fl- 20 ta' Settembru 2015, ir-rikorrent ippreżenta fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, it-tieni nota fir-rigward tal-adattament tal-konklużjonijiet tiegħu, bil-għan li dawn tal-aħħar jirrigwardaw ukoll id-Deċiżjoni 2015/1008 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001, sa fejn dawn l-atti żammew l-inklużjoni ta' ismu fil-lista kkontestata.

41 Fl-4 ta' Novembru 2015, il-Kunsill ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuq it-tieni adattament tat-talbiet ta' dan ir-rikors.

42 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89(3)(a), (b) u (d) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, stiednet lill-partijiet iwieġbu għal ċerti domandi bil-miktub, sabiex jipprovdu ċerta informazzjoni jew dettalji u sabiex jipproduċu ċerti dokumenti. Il-partijiet wieġbu għal dawn it-talbiet fit-termini mogħtija.

43 It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tat-8 ta' April 2016.

44 Fir-rikors u fin-noti li jirrigwardaw l-adattament tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jitlob, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u l-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn jikkonċernah;

— tannulla id-Deċiżjoni 2014/776 u r-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 1202/2014, sa fejn dawn l-atti żammew l-inklużjoni ta' ismu fil-lista kkontestata;

— tannulla d-Deċiżjoni 2015/1008 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001 (iktar 'il quddiem, meħuda mad-Deċiżjoni 2014/776 u mar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 1202/2014, l-"atti kkontestati"), sa fejn dawn l-atti żammew l-inklużjoni ta' ismu fil-lista kkontestat;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

45 Il-Kunsill jitlob, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad l-ewwel kap tat-talbiet, sa fejn jirrigwarda l-annullament tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn dan jirrigwarda r-rikorrent, u t-tielet kap tat-talbiet bħala inammissibbli;

— tiċħad il-kumplament tar-rikors bħala infondat

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

Id-dritt

1. *Fuq l-ammissibbiltà*

Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel kap tat-talbiet, sa fejn jirrigwarda l-annullament tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn dan jirrigwarda r-rikorrent

46 Il-Kunsill jitlob li jiġi miċħud, bħala inammissibbli, l-ewwel kap tat-talbiet, sa fejn jirrigwarda l-annullament tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn dan jirrigwarda r-rikorrent. Ir-Regolament Nru 267/2012 kien ġie adottat fit-23 ta' Marzu 2012. Kien ġie ppubblikat u daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2012. Il-kap tat-talbiet inkwistjoni, li jissemma fir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Mejju 2014 (punt 34 hawn fuq), kien ġie għaldaqstant ippreżentat sew wara t-terminu previst mill-Artikolu 263 TFUE.

47 Ir-rikorrent jitlob li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tiġi miċħuda. Huwa jqis li huwa intitolat li jitlob l-annullament kemm tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll dak tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn l-inklużjoni ta' ismu jibqa' inkluż fihom, konformement mad-deċiżjoni kkontestata u minkejja l-għoti tas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-15/11, EU:T:2012:661).

48 F'dan ir-rigward, qabelxejn, għandu jiġi kkonstatat it-talbiet ta' dan ir-rikors huma intiżi għall-annullament tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn dan jirrigwarda r-rikorrent, huma, essenzjalment, identiċi għal dawk li huma intiżi direttament għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri d-deċiżjoni tal-Kunsill, kif tirriżulta mill-avviż ippublikat fil-15 ta' Marzu 2014, li żżomm l-inklużjoni tal-isem tar-rikorrenti fil-lista ikkontestata. Fil-fatt, kemm waħda kif ukoll l-oħra jirrigwardaw, essenzjalment, l-istess att, jiġifieri dak li permezz tiegħu, kif ġie indikat fl-avviż ippubblikat fil-15 ta' Marzu 2014, il-Kunsill iddeċieda, wara eżami mill-ġdid, li jżomm isem ir-rikorrent inkluż fil-lista kkontestata.

49 Sussegwentement, għandu jiġi osservat li, konformement mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE u r-raba' u s-sitt paragrafi tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent għandu l-*locus standi* fl-annullament tad-deċiżjoni li tinżamm,wara eżami mill-ġdid, l-inklużjoni ta' ismu fil-lista kkontestata, li hija l-oriġini taż-żamma tal-miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill, T-15/11, EU:T:2012:661, punti 34 u 38).

50 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, it-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament kontra dawn l-atti li jipprevedu miżuri restrittivi individwali skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jiddekorri għal kull waħda mill-persuni u l-entitajiet imsemmija, mid-data tal-komunikazzjoni li għandha ssir ta' dawn l-atti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-23 ta' April 2013, Gbagbo *et* vs Il-Kunsill, C-478/11 P sa C-482/11 P, EU:C:2013:258, punt 59).

51 Meta l-indirizz tal-persuna jew l-entità msemmija minn att li jipprevedi miżuri restrittivi jkun magħruf mill-Kunsill, dan tal-aħħar għandu jwettaq komunikazzjoni individwali tal-att inkwistjoni fl-imsemmi indirizz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-16 ta' Novembru 2011, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, C-548/09 P, EU:C:2011:735, punti 47 sa 52). Mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sa fejn it-terminu jiddekorri mid-data ta' notifika tal-att li jipprevedi l-miżuri restrittivi, dan it-terminu ma jistax jibda jiddekorri, fir-rigward tal-persuna jew tal-entità msemmija minn dan l-att li l-indirizz tagħhom huwa magħruf mill-Kunsill, peress li l-att inkwistjoni ma jkunx ġie validament ikkomunikat lilu fl-imsemmi indirizz (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2013, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, T-35/10 u T-7/11, EU:T:2013:397, punti 57 u 59, u tal-5 ta' Novembru 2014, Mayaleh vs Il-Kunsill, T-307/12 u T-408/13, EU:T:2014:926, punt 66).

52 F'dan il-każ, mill-provi tal-proċess, b'mod partikolari tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, li l-Kunsill kien jaf l-indirizz eżatt tar-rikorrent. Huwa kien għaldaqstant obbligat li jikkomunika individwalment id-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, il-Kunsill illimita ruħu li jippublika avviż fil-Ġurnal Uffiċjali, b'tali mod li, sa fejn it-terminu jiddekorri mid-data ta' notifika tal-att, dan ma setax jibda jiddekorri.

53 Fid-dawl tal-provi kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li t-talbiet ta' dan ir-rikors ta' dan ir-rikors intiżi għall-annullament tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn dan jirrigwarda r-rikorrent, ma għandhomx portata awtonoma inkonnessjoni ma' dawk li jirrigwardaw l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, li jikkoinċidu magħhom, u, min-naħa l-oħra, li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq in-natura tardiva ta' dan ir-rikors, peress li huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, huwa infondat u għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud.

Fuq l-ammissibbiltà tat-tielet kap tat-talbiet

54 Il-Kunsill talab iċ-ċaħda, bħala inammissibbli, tat-tielet kap tat-talbiet, li huwa intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni 2015/1008 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001, sa fejn dawn l-atti żammew l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista kkontestata. Mill-ittra tal-31 ta' Lulju 2015 (punt 33 hawn fuq) jirriżulta li r-rikorrent ġie nnotifikat bl-atti inkwistjoni permezz tal-avukati tiegħu. Barra dan, ċerti termini tal-ittra tas-6 ta' Diċembru 2010 (punt 11 hawn fuq) jippermettu li jiġi preżunt ftehim, fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, Mayaleh vs Il-Kunsill (T-307/12 u T-408/13, EU:T:2014:926, punt 74), li seħħ mar-rikorrent, sabiex il-komunikazzjonijiet miegħu jseħħu permezz l-avukati tiegħu. In-notifika tad-Deċiżjoni 2015/1008 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001 lill-avukati tar-rikorrent fis-26 ta' Ġunju 2015 (punt 32 hawn fuq) skattat id-dekors tat-terminu fir-rigward tal-imsemmija atti, li skada fil-5 ta' Settembru 2015. It-tielet kap tat-talbiet, li jidher fit-tieni nota dwar l-adattament tat-talbiet, ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Settembru 2015 (punt 40 hawn fuq), ġie għaldaqtant, ippreżentat tardivament.

55 Ir-rikorrent jitlob iċ-ċaħda ta' din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bħala infondata.

56 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, it-tressiq ta' talbiet ta' adattament tat-talbiet huwa suġġett għar-rekwiżit tal-osservanza tat-terminu ta' rikors previst mis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-6 ta' Settembru 2013, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, T-35/10 u T-7/11, EU:T:2013:397, punt 55, u tas-16 ta' Settembru 2013, Bank Kargoshaei *et* vs Il-Kunsill, T-8/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:470, punt 40).

57 Sabiex jibda jiddekorri dan it-terminu għall-preżentata ta' rikors fir-rigward tar-rikorrent, il-Kunsill kellu, sa fejn kien jaf l-indirizz tar-rikorrent, jikkomunikalu individwalment id-Deċiżjoni 2015/1008 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001 (ara punt 51 hawn fuq).

58 F'dan il-każ, il-Kunsill ipproċeda għall-komunikazzjoni tad-Deċiżjoni 2015/1008 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001 lir-rikorrent, permezz tal-avukati tiegħu, permezz ta' ittra u permezz ta' messaġġ elettroniku tas-26 ta' Ġunju 2015 (punt 32 hawn fuq).

59 B'risposta għal talba bil-miktub tal-Qorti Ġenerali (punt 42 hawn fuq), il-Kunsill ipproduċa riċevuta postali, li tikkonferma li l-ittra tas-26 ta' Ġunju 2015 waslet lill-avukati tar-rikorrent fl-1 ta' Lulju 2015.

60 Madankollu, għandu jitfakkar li s-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jirreferi għal"[l-att] jiġi notifikat lir-rikorrent", u mhux għan-notifika tal-att lir-rappreżentant tiegħu. Minn dan isegwi li, meta att għandu jiġi nnotifikat sabiex it-terminu għall-preżentata ta' rikors jibda jiddekorri, dan l-att għandu fil-prinċipju jkun indirizzat lid-destinatarju ta' dan l-att, u mhux lill-avukati li jirrappreżentaw. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, in-notifika lir-rappreżentant tar-rikorrent tiswa bħala notifika lid-destinatarju biss meta tali forma ta' notifika hija prevista espressament minn leġiżlazzjoni jew minn ftehim bejn il-partijiet (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-8 ta' Lulju 2009, Thoss vs Il-Qorti tal-Awdituri, T-545/08, mhux ippubblikata, EU:T:2009:260, punti 41 u 42; is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2013, BVGD vs Il-Kummissjoni, T-104/07 u T-339/08, mhux ippubblikata, EU:T:2013:366, punt 146, u tal-5 ta' Novembru 2014, Mayaleh vs Il-Kunsill, T-307/12 u T-408/13, EU:T:2014:926, punt 74).

61 F'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni applikabbli, jiġifieri l-Artikolu 24(3) tad-Deċiżjoni 2010/413 u l-Artikolu 46(3) tar-Regolament Nru 267/2012, ma tagħmel l-ebda riferiment espliċitu għall-possibbiltà li n-notifika tal-miżuri restrittivi meħuda fir-rigward ta' persuna jew ta' entità lir-rappreżentant ta' din tal-aħħar, iżda tipprevedi espressament li, meta l-indirizz tal-persuna jew tal-entità kkonċernata jkun magħruf, id-deċiżjoni li jiġu applikati lilha l-miżuri restrittivi għandha tiġi applikata direttament. Id-Deċiżjoni 2015/1008 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001 għandhom jiġu, għaldaqstant, innotifikati direttament lir-rikorrent, li tiegħu l-Kunsill kien jaf l-indirizz (punt 52 hawn fuq).

62 Barra minn hekk, b'risposta għal domanda bil-miktub tal-Qorti Ġenerali (punt 42 hawn fuq) u matul is-seduta, ir-rikorrent ikkontesta l-fatt li sar ftehim bejnu u l-Kunsill għad-deċiżjonijiet kollha li japplikaw għalih ta' miżuri restrittivi jiġu nnotifikati fl-indirizz tal-avukati tiegħu u, għaldaqstant, permezz dawn tal-aħħar. Fil-fatt, il-provi tal-proċess ma jippermettux li jiġi kkonstat li sar tali ftehim bejn ir-rikorrent u l-Kunsill. Ċertament, mill-proċess jirriżulta li, wara l-ittra tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2010 (punt 10 hawn fuq), indirizzata direttament lir-rikorrent, huma l-avukati ta' dan tal-aħħar li rrispondew, permezz tal-ittri tas-6 u tal-20 ta' Diċembru 2010 (punt 11 hawn fuq), li fihom jissemma, fil-qiegħ tal-paġna, l-indirizz professjonali tagħhom u li fihom stiednu lill-Kunsill sabiex jagħtihom aċċess għall-proċess u sabiex jibagħtilhom il-provi insostenn tad-deċiżjoni tiegħu li japplika l-miżuri restrittivi lill-klijent tagħhom, u li b'riferiment għal dawn l-ittri tal-aħħar li l-Kunsill, sussegwentement, indirizza direttament l-ittra tat-22 ta' Frar 2011 (punt 13 hawn fuq) lill-avukati tar-rikorrent. Jekk dan l-iskambju ta' ittri jikkonferma r-rikorrent huwa indirizzat lill-Kunsill permezz tal-avukati tiegħu jekk dawn tal-aħħar ikunu talbu l-aċċess għall-proċess jew għall-komunikazzjoni ta' ċerti dokumenti, minn dan ma jirriżultax madankollu li r-rikorrent kien awtorizza lill-Kunsill, b'deroga għal dak li hu previst mil-leġiżlazzjoni applikabbli (ara punt 61 hawn fuq), ikkomunika miegħu b'mod indiretta wkoll, permezz tal-avukati tiegħu. Mill-ittra tat-18 ta' Lulju 2011 (punt 14 hawn fuq) u mill-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011 (punt 16 hawn fuq) jirriżulta b'mod partikolari li, xi drabi, ir-rikorrent u l-Kunsill baqgħu jikkomunikaw direttament bejniethom. Barra dan, mill-ittri tal-15 ta' Jannar u tal-31 ta' Lulju 2015 (punti 30 u 33 hawn fuq) jirriżulta li r-rikorrent xtaqt li d-dokumenti rilevanti li jidhru fil-proċess tal-Kunsill ġew ikkomunikati lilu direttament. Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrent ma kkonkluda ebda ftehim mal-Kunsill sabiex l-att inkwistjoni jiġu nnotifikati lilu fl-indirizz tal-avukati tiegħu u, għaldaqstant, permezz dawn tal-aħħar.

63 Minn dan isegwi, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, li l-komunikazzjoni effettiva inkwistjoni lill-avukati tar-rikorrent ma hijiex ekwivalenti għal komunikazzjoni u, għaldaqstant, għal notifika ta' dawn l-atti lir-rikorrent innifsu.

64 Fid-dawl tal-provi kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li dan ir-rikors huwa kompletament inammissibbli.

2. *Fuq il-mertu*

65 Insostenn ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent iressaq żewġ motivi, ibbażati, rispettivament, fuq, l-ewwel nett, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, fuq ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt protezzjoni ġudizzjarja effettiva u t-tieni nett, fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' rispett lejn id-drittijiet tad-difiża u lejn id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

66 Ir-rikorrent jilmenta li l-Kunsill, billi adotta d-deċiżjoni kkontestata (punt 34 hawn fuq) u l-atti kkontestati (it-tielet inċiż tal-punt 44, hawn fuq) (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, l-"atti kkontestati"), kisru l-obbligu ta' motivazzjoni, il-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif interpretati mill-qorti tal-Unjoni Ewropea u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sa fejn ma kkomunikalux la l-motivi preċiżi u lanqas il-provi u d-dokumenti li kienu jiġġustifikaw iż-żamma, wara eżami mill-ġdid, tal-inklużjoni ta' ismu fil-lista kkontestata. Ir-rikorrent isostni li, konformement mal-ġurisprudenza, in-nuqqas ta' motivazzjoni hija ksur tal-forom proċedurali essenzjali li ma tistax tiġi aġġustata bis-sempliċi fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf bil-motivi tad-deċiżjoni meħuda fir-rigward tiegħu matul il-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni. L-uniċi motivi li ġew kkomunikati lilu, qabel il-preżentata ta' dan ir-rikors, huma dawk iċċitati fil-punt 5 hawn fuq. Kif ġie rrikonoxxut fis-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-15/11, EU:T:2012:661), din il-motivazzjoni hija insuffiċjenti, peress li hija wisq lakonika u ġenerali. Barra minn hekk, ebda prova ma ġiet ipprovduta lilu dwar ir-rabtiet preżunti mad-"Daftar" u l-eventwali kontribuzzjoni min-naħa tiegħu fil-finanzjament tal-"interessi strateġiċi tar-reġim", li ma kinux, barra minn hekk, identifikati. Fi kwalunkwe każ, il-motivazzjoni kkomunikata hija żbaljata, peress li, minn naħa, ma teżisti ebda prova li huwa għadu kkontrollat mill-Fondazzjoni jew li huwa kkontrollat mid-"Daftar" jew marbut ma' dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, huwa jiffinanzja kważi esklużivament individwi u minn impriżi b'kapital privat, u ftit wisq il-gvern jew entitajiet pubbliċi. Il-motivi addizzjonali li jidhru fl-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011 (punt 16 hawn fuq) ma jipprovdix motivazzjoni suffiċjenti għall-atti kkontestati. Il-Kunsill jillimita ruħu li jindika li huwa għandu bħala azzjonisti maġġoritarju lill-Fondazzjoni, mingħajr ma jippreċiża liema huma l-"interessi strateġiċi tar-reġim" li huwa ffinanzja, u lanqas liema dispożizzjonijiet preċiżi tad-Deċiżjoni 2010/413 u tar-Regolament Nru 267/2012 jiġġustifikaw iż-żamma ta' ismu fil-lista kkontestata. Minkejja t-talbiet tiegħu f'dan is-sens, il-Kunsill ma pprovdilu ebda informazzjoni ddettaljata fuq il-motivi taż-żamma tal-inklużjoni ta' ismu fil-lista kkontestata. L-uniċi provi li kkomunikalu jew li huwa invoka ma jipprovdux il-prova li jallega fl-atti kkontestati. L-assenza ta' prova speċifika u konkreta fil-motivazzjoni tal-atti kkontestati ma tippermettilux li jifhem il-portata u teffettwa, għalhekk, l-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu tad-difiża u d-dritt tiegħu ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

67 Il-Kunsill jiċħad l-argumenti tar-rikorrent u jitlob li l-ewwel motiv jiġi miċħud.

Fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

68 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward ta' att li jikkawża preġudizzju, li jikkostitwixxi korollarju għall-prinċipju tar-rispett lejn id-drittijiet tad-difiża, għandu l-għan, minn naħa, li jipprovdi lil persuna kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti dwar jekk l-att huwiex fondat jew jekk huwiex eventwalment ivvizzjat b'xi żball li jippermetti l-kontestazzjoni tal-validità tiegħu quddiem il-qorti tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li jippermetti lil din tal-aħħar li teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità ta' dak l-att (ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kunsill vs Bamba, C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha turi b'mod ċar u mhux ekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li l-persuna kkonċernata tkun tista' ssir taf il-ġustifikazzjonijiet tal-miżuri adottati u l-qorti kompetenti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kunsill vs Bamba, EU:C:2012:718, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Fir-rigward ta' att tal-Kunsill li jimponi miżuri restrittivi, il-motivazzjoni għandha tidentifika r-raġunijiet speċifiċi u konkreti li abbażi tagħhom il-Kunsill iqis, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, li tali miżuri għandhom jiġu adottati fil-konfront tal-persuna kkonċernata (is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kunsill vs Bamba, C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 52).

71 L-Artikolu 24(3) tad-Deċiżjoni 2010/413 u l-Artikolu 46(3) tar-Regolament Nru 267/2012 jeżiġu wkoll li l-Kunsill jagħti r-raġunijiet individwali u speċifiċi tal-miżuri restrittivi adottati konformement mal-Artikolu 20(1)(b) ta' din l-istess deċiżjoni u mal-Artikolu 23(2) u (3), ta' dan ir-regolament u li jgħarraf lill-persuni u lill-entitajiet ikkonċernati bihom (ara, f'dan is-sens u b'mod analogu, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, C-548/09 P, EU:C:2011:735, punt 48). Skont il-ġurisprudenza, il-Kunsill għandu, bħala regola ġenerali, jissodisfa l-obbligu tiegħu ta' motivazzjoni, b'komunikazzjoni individwali, u s-sempliċi pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ma hijiex suffiċjenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-13 ta' Settembru 2013, Makhlouf vs Il-Kunsill, T-383/11, EU:T:2013:431, punti 47 u 48; ara wkoll, f'dan is-sens u b'mod analogu, is-sentenza tal-16 ta' Novembru 2011, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, C-548/09 P, EU:C:2011:735, punt 52).

72 Il-motivazzjoni mitluba permezz tal-Artikolu 296 TFUE kif ukoll permezz tal-Artikolu 24(3) tad-Deċiżjoni 2010/413 u permezz tal-Artikolu 46(3) tar-Regolament Nru 267/2012 għandha tkun adattata għad-dispożizzjonijiet li bis-saħħa tagħhom ġew adottati l-miżuri restrittivi. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari skont il-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li jkollhom id-destinatarji jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex mitlub li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, għaliex in-natura suffiċjenti ta' motivazzjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux biss tal-formulazzjoni tagħha, iżda anki fid-dawl tal-kuntest tagħha u tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza Il-Kunsill vs Bamba, C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 53, u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 B'mod partikolari, att li jikkawża preġudizzju jkun motivat b'mod suffiċjenti jekk jiġi adottat f'kuntest magħruf mill-persuna kkonċernata, li permezz tiegħu tkun tista' tifhem il-portata tal-miżura meħuda fir-rigward tagħha (ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kunsill vs Bamba, C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

– Fuq id-deċiżjoni kkontestata

74 Mill-provi tal-proċess iċċitati fil-punti 15 u 16 hawn fuq jirriżulta li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata kemm fuq il-motivazzjoni inizjali esposta fil-punt 5 hawn fuq, kif ukoll fuq il-motivazzjoni addizzjonali, innotifikata lir-rikorrent permezz tal-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011, esposta fil-punt 16 hawn fuq.

75 L-assjem tal-motivazzjoni ċċitata fil-punti 5 u 16 hawn fuq intiża manifestament li tapplika għar-rikorrent, minn naħa, il-kriterju tal-"kontroll" minn persuna jew l-entità rikonoxxuta bħala parteċipant, peress li tkun direttament assoċjata jew toffri appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari, stabbiliti fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, u, min-naħa l-oħra, il-kriterju tal-"appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari", stabbilit f'dawn l-istess dispożizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill, T-15/11, EU:T:2012:661, punt 70).

76 Sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tapplika għar-rikorrent il-kriterju ta' "kontroll", din hija bbażata fuq il-motivazzjoni inizjali u fuq il-motivazzjoni addizzjonali li, kif ġie kkonstatat fil-punt 70 tas-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2014, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-67/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:348), intiż manifestament sabiex jikkompleta l-motivazzjoni inizjali bbażata fuq l-applikazzjoni għar-rikorrent tal-kriterju tal-"kontroll".

77 Sa fejn il-motivazzjoni inizjali ċċitata fil-punt 5 hawn fuq ġiet diġà kkunsidrata bħala insuffiċjenti fil-punt 82 tal-is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-15/11, EU:T:2012:661), li għandha l-awtorità ta' *res judicata* (punt 20 hawn fuq), jibqa' sabiex jiġi eżaminat jekk l-motivazzjoni addizzjonali ċċitata fil-punt 16 hawn fuq hija ta' natura, f'dan il-każ, li tikkompletaha b'tali mod li r-rekwiżiti ta' motivazzjoni jiġu finalment osservati fil-każ tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Fis-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-15/11, EU:T:2012:661, punti 72 sa 79), il-Qorti Ġenerali ma kellhiex l-okkażjoni li tiddeċiedi fuq din l-aħħar kwistjoni, peress li llimitat ruħha li tikkonstata li, sa fejn, fl-atti li kienu kkontestati quddiemha, il-Kunsill ibbaża ruħu fuq din il-motivazzjoni addizzjonali, li ġiet ikkomunikata lir-rikorrent wara l-adozzjoni tal-imsemmija atti, huwa kien kiser il-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u, b'mod partikolari, id-dritt tar-rikorrent li jinstema' minn qabel.

78 F'dan il-każ, il-motivazzjoni addizzjonali tippermetti l-identifikazzjoni tal-persuni jew l-entitajiet li, skont il-Kunsill, jeżerċitaw "kontroll" fuq ir-rikorrent, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, li ma humiex iktar identifikati, bħal fil-motivazzjoni inizjali, bħala l-"uffiċċju ta' Mexxej", iżda bħala l-"Fondazzjoni" u l-"Mexxej" innifsu.

79 Barra dan, il-motivazzjoni addizzjonali tippermetti li jinftiehmu l-modalitajiet skont liema, fil-fehma tal-Kunsill, il-Mexxej u l-Fondazzjoni kienu jeżerċitaw direttament jew indirettament, "kontroll" fuq ir-rikorrent, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012. Fil-fatt, mill-imsemmija motivazzjoni jirriżulta li l-Fondazzjoni ġiet ikkunsidrata bħala li tikkontrolla direttament lir-rikorrent, minħabba l-fatt li hija tibqa' "l-azzjonista ewlenija" ta' din tal-aħħar. Barra minn hekk, minn din il-motivazzjoni jirriżulta li l-Mexxej ġie kkunsidrat bħala li jikkontrolla indirettament lir-rikorrent, permezz tal-Fondazzjoni, sa fejn "il-Fondazzjoni [kienet] korp pubbliku li jrid jagħti rendikont lill-Mexxej".

80 Fil-kuntest ta' dan il-każ, l-espressjoni "tagħti rendikont", użata mill-Kunsill, tirreferi b'mod suffiċjentement li jinftiehem għall-eżerċizzju ta' "kontroll" tal-Mexxej fuq il-Fondazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012.

81 Il-motivazzjoni addizzjonali nnotifikata mir-rikorrent permezz tal-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011 kienet għaldaqstant suffiċjenti, fil-kuntest ta' dan il-każ, sabiex tippermettilu li jifhem li d-deċiżjoni kkontestata kienet tapplikalu l-kriterju tal-"kontroll" u kienet ibbażata, b'mod iktar speċifiku, fuq il-fatt li huwa kien ikkontrollat mill-Fondazzjoni u, permezz ta' din tal-aħħar, mill-Mexxej. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali hija f'pożizzjoni, abbażi ta' din il-motivazzjoni addizzjonali, li tistħarreġ il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata, billi din tapplika lir-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll".

82 Konsegwentement, fid-dawl tal-kuntest tal-każ, għandu jiġi kkonstat li d-deċiżjoni kkontestata, billi din tapplika lir-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll", kienet immotivata suffiċjentement kienet immotivata suffiċjentement għall-finijiet tal-liġi minħabba l-motivazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Kunsill.

83 Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex suffiċjentement immotivata, sa fejn din tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari". Fil-fatt, il-motivazzjoni inizjali ċċitata fil-punt 5 hawn fuq, kif emendata bil-motivazzjoni addizzjonali ċċitata fil-punt 16 hawn fuq, tillimita ruħha, essenzjalment, li tikkonstata li r-rikorrent jikkontribwixxi "għall-finanzjament tal-interessi strateġiċi tar-reġim", sa fejn "l-azzjonista ewlenija [tiegħu] baq[għet] il-Fondazzjoni, li [kienet] korp pubbliku li jagħti rendikont lill-Mexxej".

84 Anki jekk jiġi ammess li l-proliferazzjoni nukleari tista' tiġi kkunsidrata bħala li taqa' taħt l-"interessi strateġiċi tar-reġim", il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma tippermettix li jsiru magħrufa r-raġunijiet speċifiċi u konkreti għaliex il-Kunsill ikkunsidra li r-rikorrent kien jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-proliferazzjoni nukleari.

85 Fil-fatt, anki jekk jiġi preżunt li seta' jiġi dedott mir-raġunijiet li jsemmu r-rabtiet ta' kapital li jeżistu bejn il-Fondazzjoni u r-rikorrent, kif isostni l-Kunsill fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li r-rikorrent iħallas dividendi kbar u joffri servizzi finanzjarji lill-Fondazzjoni, jibqa' l-fatt li l-imsemmija raġunijiet ma jipprovdu ebda spejgazzjoni dwar l-użu tal-imsemmija somom jew l-imsemmija servizzi finanzjarji mill-Fondazzjoni jew mill-Mexxej sabiex jikkontribwixxu għall-proliferazzjoni nukleari. Minn naħa, ma jirriżultax mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li l-Fondazzjoni hija, direttament jew indirettament, involuta fil-proliferazzjoni nukleari, peress li dan l-involviment ma jistax jiġi preżunt f'dan il-każ. Min-naħa l-oħra, din l-istess raġuni ma fiha ebda prova fis-sens li d-dividendi mħallsa jew is-servizzi finanzjarji pprovduti mir-rikorrent lill-Fondazzjoni huma jew jistgħu jkunu użati sabiex jikkontribwixxu, direttament jew indirettament, għall-proliferazzjoni nukleari. Madankollu, tali użu ma jistax jiġi preżunt f'dan il-każ.

86 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata, billi din tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari", ma kinitx immotivata suffiċjentement għall-finijiet tal-liġi .

87 Għaldaqstant, hemm lok li jintlaqa' l-ilment ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, billi din tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari" (punt 86 hawn fuq), u li jiġi miċħud l-istess ilment, sa fejn huwa intiż għall-annullament ta' din l-istess deċiżjoni, billi din tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-kontroll" (punt 82 hawn fuq).

– Fuq l-atti kkontestati

88 Mill-provi tal-proċess iċċitati fil-punti 24, 27, 28, 31 u 32 hawn fuq li l-atti kkontestati huma bbażati fuq motiv ġdid, espost fil-punt 24 hawn fuq.

89 Permezz ta' dan il-motiv il-ġdid, il-Kunsill fakkar, billi speċifikhom, ir-rabtiet bejn ir-rikorrent, il-Fondazzjoni u l-Mexxej, jiġifieri li "[ir-rikorrent kien] kkontrollat mill-Fondazzjoni […],entità parastatali ewlenija Iranjana kkontrollata direttament mill-Mexxej […]u li għandha 84% tal-ishma [fir-rikorrent]". Barra minn hekk, huwa indika li "[ir-rikorrent] [kien] jipprovdi servizzi finanzjarji lill-Fondazzjoni […] u l-grupp tagħha ta' unitajiet u kumpanniji sussidjarji", minn dan huwa ddeduċa li "[ir-rikorrent] [kien] jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran permezz tal-Fondazzjoni".

90 Dawn ir-raġunijiet huma intiżi manifestament li japplikaw għar-rikorrent, minn naħa, il-kriterju tal-"kontroll' minn persuna jew l-entità li tipparteċipa, li tkun assoċjata direttament ma', jew li tipprovdi appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari, stabbilit fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, min-naħa l-oħra, il-kriterju ta' "appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran", stabbilit fl-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012. F'dan l-aħħar rigward, l-atti kkontestati huma bbażati għaldaqstant fuq kriterju ġdid fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata (ara punt 75 hawn fuq).

91 L-ewwel parti tal-motivazzjoni esposta fil-punt 89 hawn fuq kienet suffiċjenti, fil-kuntest ta' dan il-każ, sabiex tippermetti lir-rikorrent li jifhem li l-atti kkontestati li japplikawlu l-kriterju tal-"kontroll" u li huma bbażati, b'mod iktar speċifiku, fuq il-fatt li, permezz tal-Fondazzjoni, li kienet ikkontrollata mill-Mexxej. Barra dan, il-Qorti Ġenerali hija f'pożizzjoni, abbażi ta' din il-motivazzjoni, li tistħarreġ il-fondatezza tal-atti kkontestati, fil-parti li japplikaw għar-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll".

92 Fir-rigward tat-tieni parti tal-motivazzjoni esposta fil-punt 89 hawn fuq, din kienet suffiċjenti, fil-kuntest ta' dan il-każ, sabiex tippermetti lir-rikorrent li jifhem li l-atti kkontestati japplikawlu wkoll il-kriterju tal-"appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran" u li huma bbażati, b'mod iktar speċifiku, fuq il-fatt li huwa kien jipprovdi servizzi finanzjarji lill-Fondazzjoni u l-grupp tagħha ta' unitajiet u kumpanniji sussidjarji, fatt li, inkunsiderazzjoni tan-natura parastatali tal-Fondazzjoni u tal-kontroll dirett eżerċitat mill-Mexxej fuqha, tirriżulta indirettament fl-għoti ta' appoġġ ta' natura finanzjarja lill-Gvern tal-Iran. Barra dan, il-Qorti Ġenerali hija f'pożizzjoni, abbażi ta' din il-motivazzjoni, li tistħarreġ il-fondatezza tal-atti kkontestati, fil-parti li japplikaw għa ir-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran".

93 Konsegwentement, fid-dawl tal-kuntest tal-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-atti kkontestati ġew immotivati suffiċjentement għall-finijiet tal-liġi u, għaldaqstant, għandu jiġi miċħud l-ilment ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn huwa intiż għall-annullament tal-imsemmija atti.

94 Fid-dawl tal-provi preċedenti hemm lok li jintlaqa' l-ilment ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, billi din tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari" (punt 86 hawn fuq), u li jiġi miċħud għall-kumplament (punti 87 u 93 hawn fuq).

Fuq ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

95 Id-dritt fundamentali għar-rispett tad-drittijiet tad-difiża matul proċedura li tippreċedi l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi huwa espressament stabbilit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li fir-rigward tagħha l-Artikolu 6(1) TUE jirrikonoxxi l-istess valur ġuridiku bħat-Trattati (ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2013, Makhlouf vs Il-Kunsill, T-383/11, EU:T:2013:431, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

96 Il-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi, minn naħa, li l-provi kkunsidrati kontra l-persuna jew l-entità kkonċernata sabiex jiġġustifikaw l-att li jikkawżalha preġudizzju jiġu kkomunikati lilha u, min-naħa l-oħra, li l-persuna jew l-entità kkonċernata titqiegħed f'pożizzjoni li tesprimi l-opinjoni tagħha b'mod effettiv fir-rigward ta' dawn il-provi (ara, b'mod analogu, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, T-228/02, EU:T:2006:384, punt 93).

97 Fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżomm l-isem ta' persuna jew l-entità f'lista ta' persuni jew entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi, il-Kunsill għandu jirrispetta d-dritt ta' din il-persuna jew ta' din l-entità li tinstema' minn qabel meta huwa jikkunsidra kontriha, fid-deċiżjoni li tinżamm l-inklużjoni ta' isimha fil-lista, provi ġodda, jiġifieri provi li ma kinux jinsabu fid-deċiżjoni inizjali ta' inklużjoni ta' isimha f'din il-lista (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, Franza vs People's Mojahedin Organization of Iran, C-27/09 P, EU:C:2011:853, punt 62, u tat-13 ta' Settembru 2013, Makhlouf vs Il-Kunsill, T-383/11, EU:T:2013:431, punti 42 u 43).

– Fuq id-deċiżjoni kkontestata

98 Fil-5 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill ikkomunika individwalment lir-rikorrent il-motivazzjoni addizzjonali tad-deċiżjoni kkontestata, imsemmija fil-punt 16 hawn fuq.

99 F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni lir-rikorrent tal-kriterju tal-"kontroll", stabbilit fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, mill-punt 82 hawn fuq jirriżulta li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kienet suffiċjenti.

100 Barra minn hekk, il-Kunsill indika li kien ikkomunika lir-rikorrent id-dokumenti kollha li fuqhom kienet ibbażati din il-motivazzjoni (punt 13 hawn fuq).

101 Kuntrarjament għal dak li kien il-każ fir-rigward tal-atti annullati mis-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-15/11, EU:T:2012:661, punti 72 sa 79) (punt 77 hawn fuq), ir-rikorrent seta' għaldaqstant, jikkontesta b'mod effettiv, fil-każ tad-deċiżjoni kkontestata, il-fondatezza tal-motivazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni għalih tal-kriterju tal-"kontroll" u l-provi li fuqhom kienet ibbażata, u dan qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, b'mod partikolari fl-ittri tat-23 ta' Jannar 2012 (punt 17 hawn fuq) tal-14 ta' April 2014 (punt 22 hawn fuq). Barra dan, huwa seta' jeżerċita effettivament id-dritt tiegħu għal rimedju fir-rigward tal-fondatezza ta' din il-motivazzjoni, kif muri f'dan ir-rikors.

102 Madankollu, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari", mill-punt 86 hawn fuq jirriżulta li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma kinitx suffiċjenti. Għaldaqstant, ir-rikorrent ma kienx f'pożizzjoni, qabel il-preżentata ta' dan ir-rikors jew fil-kuntest tiegħu, li jikkontesta b'mod effettiv jew b'mod effikaċi l-fondatezza tal-applikazzjoni ta' dan il-kriterju għas-sitwazzjoni tiegħu.

103 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li d-deċiżjoni kkontestata, billi din tapplika lir-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari", jikser id-drittijiet tad-difiża ta' din tal-aħħar kif ukoll id-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, iżda li ma jiksirx dawn l-istess drittijiet, sa fejn hija tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll".

104 Għaldaqstant, hemm lok li jintlaqa' l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni ikkontestata, billi din tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari", u tal-e jiġi miċħud għall-kumplament, jiġifieri sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni ikkontestata, billi din tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll".

– Fuq l-atti kkontestati

105 Fl-1 ta' Settembru 2014, il-Kunsill ikkomunika individwalment lir-rikorrent il-motivazzjoni tal-atti kkontestati, esposta fil-punt 24 hawn fuq.

106 Mill-punt 93 hawn fuq jirriżulta li din il-motivazzjoni setgħet tiġi kkunsidrata bħala suffiċjenti, fid-dawl tar-rekwiżiti tal-ġurisprudenza, f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni għar-rikorrent kemm tal-kriterju tal-"kontroll", stabbilit fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, kif ukoll dak tal-"appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran", stabbilit fl-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012.

107 Barra minn hekk, il-Kunsill indika li kkomunika lir-rikorrent id-dokumenti kollha li fuqhom kienet ibbażati din il-motivazzjoni (punt 25 hawn fuq).

108 Ir-rikorrent kien seta' jikkontesta din il-motivazzjoni u l-provi li fuqhom kienet ibbażata qabel l-adozzjoni tal-atti kkontestati, b'mod partikolari fl-ittri tas-17 ta' Settembru 2014 (punt 26 hawn fuq) u tal-15 ta' Jannar 2015 (punt 30 hawn fuq).

109 Barra minn hekk, ir-rikorrent seta' jeżerċita b'mod effettiv id-dritt tiegħu għal rimedju billi joġġezzjona, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, li huwa "[ma kienx] jappoġġa lill-Gvern finanzjarjament iktar minn kwalunkwe bank ċentrali ieħor fid-dinja" u li huwa "[kien] inqas u inqas jagħti t-tip ta' appoġġ inkwistjoni fl-atti kkontestati, jiġifieri l-appoġġ għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari".

110 Għaldaqstant, id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent kif ukoll id-dritt ta' dan tal-aħħar għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew irrispettati b'mod sħiħ matul l-adozzjoni tal-atti kkontestati.

111 Konsegwentement, l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, għandu jiġi miċħud sa fejn huwa intiż għall-annullament tal-atti kkontestati.

112 Mill-provi kollha preċedenti jirriżulta li l-ewwel motiv ma għandux jintlaqa' sa fejn jirrigwarda d-deċiżjoni kkontestata u li sa fejn tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari". Għall-kumplament, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

113 Sa fejn l-applikazzjoni għar-rikorrent tal-kriterju tal-"kontroll", fl-atti kkontestati, kif ukoll dik tal-kriterju tal-"appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran", fl-atti kkontestati, ma hijiex affettwata mill-illegalitajiet ikkonstatati fil-punti 87, 94 u 104 hawn fuq, dawn l-illegalitajiet ma jistgħux jiġġustifikaw l-annullament tal-imsemmija atti. Fil-fatt, fir-rigward tal-istħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni li tadotta miżuri restrittivi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tan-natura preventiva ta' dawn tal-aħħar, jekk il-qorti tal-Unjoni tikkunsidra li, tal-inqas, wieħed mill-motivi msemmija huwa suffiċjentement preċiż u konkret, li huwa ssostanzjat u minnu nnifsu jikkostitwixxi bażi suffiċjenti sabiex isostni din id-deċiżjoni, il-fatt li oħrajn minn dawn il-motivi ma jkunux, ma jistax jiġġustifika l-annullament ta' din id-deċiżjoni ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 130).

114 Għaldaqstant, għandu jitkompla l-eżami tat-tieni motiv, li għandu jiġi llimitat li jivverifika jekk, meta l-Kunsill applika l-kriterju tal-"kontroll" fl-atti kkontestati kif ukoll dak tal-"appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran" fl-atti kkontestati, ivvizzjax l-assjem ta' dawn l-atti bi żball ta' evalwazzjoni.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni

115 Ir-rikorrent jilmenta li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni billi ddeċieda, wara eżami mill-ġdid, fl-atti kkontestati, li tinżamm l-inklużjoni ta' ismu fil-lista kkontestata. Huwa josserva li l-uniċi raġunijiet li ġew ikkomunikati lilu sabiex tiġi ġġustifikata ż-żamma ta' din l-inklużjoni huma żbaljati, sa fejn huwa ma għandux rabta mal-interessi tad-"Daftar" u lanqas jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-"interessi strateġiċi tar-reġim" jew, b'mod iktar speċifiku, tal-proliferazzjoni nukleari. Il-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li huwa organizzat u jiffunzjona bħala bank privat ordinarju. Il-membri tal-amministrazzjoni tiegħu kienu ġew magħżula fuq il-kompetenzi u l-kwalitajiet tagħhom u ħadd minnhom ma ġie maħtur mid-"Daftar" jew ma huwa marbut ma' dan tal-aħħar. Is-servizzi u s-self tiegħu huma pprovduti lil persuni privati, lil individwi u lil impriżi, pjuttost milli lil entitajiet pubbliċi. Anki jekk il-Fondazzjoni tibqa' l-azzjonista ewlenija tiegħu, din ma tistax tiġġustifika ż-żamma ta' ismu fil-lista kkontestata, Peress li l-Fondazzjoni u d-Daftar jaħdmu b'mod awtonomu mill-gvern jew mill-eżekuttiv tal-Iran, kemm għal raġunijiet istituzzjonali u organizzattivi, kemm skont il-prinċipju kostituzzjonali ta' separazzjoni tal-poteri stabbilit fl-Artikolu 57 tal-Kostituzzjoni Iranjana. Il-Kunsill ma applikax, f'dan il-każ, l-uniku kriterju li, skont il-ġurisprudenza, jawtorizza l-adozzjoni ta' miżura ta' ffriżar tal-fondi fir-rigward ta' persuna jew ta' entità, jiġifieri dak tal-appoġġ għall-Gvern tal-Iran, [is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2014, National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill, T-578/12, EU :T:2014:678, punt 139] liema jista' jkun biss, barra minn hekk, indirett, filwaqt li għandha tkun neċessarjament dirett. B'mod analogu għall-awtoritajiet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, il-Kunsill għandu jiġbed il-konsegwenzi tas-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2014, Sina Bank vs Il-Kunsill (T-67/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:348), li jimponi li jtemm il-miżura ta' ffriżar tal-fondi meħuda fir-rigward tiegħu.

116 Il-Kummissjoni tiċħad l-argumenti tar-rikorrenti u titlob iċ-ċaħda tat-tieni motiv bħala infondat.

117 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-istħarriġ ġudizzjarju ta' att li jipprevedi miżuri restrittivi li huma intiżi għal persuna jew l-entità jeżiġi b'mod partikolari, li l-qorti tal-Unjoni tiżgura li l-att inkwistjoni, ikun ibbażat fuq bażi fattwali suffiċjentement solida. Dan jimplika verifika tal-fatti allegati fl-espożizzjoni tar-raġunijiet li huma l-bażi tal-imsemmija deċiżjoni, b'mod li l-istħarriġ

ġudizzjarju ma jkunx limitat għall-evalwazzjoni tas-sunt veru tal-motivi invokati, iżda jirrigwarda l-punt dwar jekk dawn il-motivi, jew għall-inqas wieħed minnhom, li huwa suffiċjenti fih innifsu sabiex isostni din l-istess deċiżjoni, humiex sostanzjati (ara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Fulmen u Mahmoudian, C-280/12 P, EU:C:2013:775, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

118 Għal dan il-għan, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tagħmel dan l-eżami billi titlob, skont il-każ, lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni tipproduċi informazzjoni jew provi, kunfidenzjali jew mhux, rilevanti għall-finijiet ta' tali eżami (ara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Fulmen u Mahmoudian, EU:C:2013:775, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

119 Hija, fil-fatt l-awtorità kompetenti tal-Unjoni li għandha l-obbligu, fil-każ ta' kontestazzjoni, li tistabbilixxi l-fondatezza tal-motivi meqjusa kontra l-persuna jew l-entità kkonċernata, u mhux din tal-aħħar li għandha tipproduċi l-prova negattiva tal-assenza ta' fondatezza ta' dawn il-motivi (ara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Fulmen u Mahmoudian, C-280/12 P, EU:C:2013:775, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

120 Preliminarjament, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 117 sa 119 hawn fuq jirriżulta li l-istħarriġ li l-Qorti Ġenerali teżerċita f'dan il-każ ma huwiex limitat għal stħarriġ tal-żball manifest ta' evalwazzjoni. Għaldaqstant, jirriżulta irrilevanti li, skont ir-rikorrent, l-iżball imwettaq mill-Kunsill huwa manifest.

Fuq id-deċiżjoni kkontestata

121 Kif ġie osservat fil-punti 75 u 78 sa 81 hawn fuq, mill-motivazzjoni inizjali u addizzjonali tad-deċiżjoni kkontestata esposta fil-punti 5 u 16 hawn fuq jirriżulta li l-imsemmija deċiżjoni hija bbażata b'mod partikolari fuq l-applikazzjoni, għar-rikorrent, tal-kriterju tal-"kontroll", stabbilit fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, u hija bbażata, b'mod iktar speċifiku, fuq il-fatt li ir-rikorrent kien ikkontrollat mill-Fondazzjoni u, permezz ta' din tal-aħħar, mill-Mexxej.

122 L-argumenti tar-rikorrent jistgħu jiftiehmu, essenzjalment, bħala akkuża lill-Kunsill, fid-deċiżjoni kkontestata, peress li wettaq żball ta' evalwazzjoni billi kkunsidra li huwa kien kkontrollat minn persuna jew l-entità rikonoxxuta bħala li tipparteċipa, billi hija direttament assoċjata jew li tagħti appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012.

123 F'dan ir-rigward, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-"kontroll" huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' riskju mhux negliġibbli li, meta l-fondi ta' persuna jew ta' entità rrikonoxxuta bħala li tipparteċipa għall-proliferazzjoni nukleari jiġu ffriżati, din teżerċita pressjoni fuq il-persuni u l-entitajiet li għandhom il-kontroll, sabiex tevita l-effett tal-miżuri li huma indirizzati lejha billi tħeġġiġhom jittrasferixxulha, direttament jew indirettament, il-fondi tagħhom jew sabiex jagħmlu tranżazzjonijiet li hija ma tistax tagħmel hija stess minħabba l-iffriżar tal-fondi tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2012, Melli Bank vs Il-Kunsill, C-380/09 P, EU:C:2012:137, punt 58). Peress li jeżisti dan ir-riskju, l-iffriżar tal-fondi ta' persuni u ta' entitajiet ikkontrollati mill-persuna jew l-entità li l-fondi tagħha jiġu ffriżati hija miżura neċessarja u xierqa sabiex tiżgura l-effikaċja ta' miżuri adottati u tiggarantixxi li dawn il-miżuri ma jiġux evitati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2012, Melli Bank vs Il-Kunsill, C-380/09 P, EU:C:2012:137, punt 58).

124 Għalhekk, l-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012 jimponi fuq il-Kunsill li jiffriża l-fondi ta' kull persuna jew ta' kull entità kkontrollata minn persuna jew entità rrikonoxxuta bħala li tipparteċipa, peress li tkun direttament assoċjata jew tagħti appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari, mingħajr ma l-miżura adottata fuq din il-bażi kienet ġiet

immotivata mill-fatt li l-persuna jew l-entità kkontrollata tipparteċipa hija nfisha fl-imsemmija proliferazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2012, Melli Bank vs Il-Kunsill, C-380/09 P, EU:C:2012:137, punti 39 u 40).

125 Fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, li jsemmi l-persuni u l-entitajiet li, skont il-verżjonijiet lingwistiċi, ġew "irrikonoxxuti" jew "identifikati" bħala li huma involuti fil-proliferazzjoni nukleari, u tal-ġurisprudenza dwar l-applikazzjoni tal-kriterju tal-"kontroll" iċċitata fil-punti 123 u 124 hawn fuq, il-Kunsill jawtorizza li jiġu adottati miżuri restrittivi biss fir-rigward ta' persuni u ta' entitajiet li ismijiethom ġew inklużi f'lista ta' persuni u ta' entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi minħabba li huma kkontrollati minn persuni jew entitajiet "irrikonoxxuti" jew "identifikati" li jipparteċipaw, billi huma direttament assoċjati jew li jagħtu appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari.

126 B'risposta għal domanda bil-miktub tal-Qorti Ġenerali (punt 42 hawn fuq), il-Kunsill indika li, fil-mument fejn id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata, la l-isem tal-Fondazzjoni u lanqas l-isem tal-Mexxej ma kienu ġew inklużi fil-lista kkontestata, li kienet tinkludi l-isem tal-persuni jew tal-entitajiet uffiċjalment "irrikonoxxuti" jew "identifikati" li jipparteċipaw, billi huma direttament assoċjati jew li jagħtu appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, u kellho, għal din ir-raġuni, jiġu suġġetti għal miżuri restrittivi, bħal ma huwa l-iffriżar tal-fondi tagħhom. Għaldaqstant, ir-riskju ta' evitar ta' sanzjonijiet ta' iffriżar tal-fondi, li, kif tfakkar fil-punt 123 hawn fuq, jiġġustifika normalment l-applikazzjoni tal-kriterju tal-"kontroll", ma jeżistix f'dan il-każ.

127 Fin-nuqqas tal-inklużjoni ta' isem il-Mexxej u isem il-Fondazzjoni fil-lista kkontestata, fil-mument fejn id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata, il-Kunsill ma kienx awtorizzat li jadotta l-imsemmija deċiżjoni, peress li din tal-aħħar tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll".

128 Barra minn hekk, kwalunkwe soluzzjoni oħra tqiegħed lir-rikorrent f'pożizzjoni proċedurali estremament sfavorevoli, mill-perspettiva tad-difiża tad-drittijiet tiegħu u tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, peress li, sabiex jikkontesta l-miżuri meħuda fir-rigward tiegħu, huwa jkollu jikkontesta r-responsabbiltà tal-Mexxej u tal-Fondazzjoni fil-proliferazzjoni nukleari, mingħajr ma jkun jista' jippretendi li jiġi assistit, f'dan ir-rigward, mill-Mexxej u mill-Fondazzjoni, li fil-konfront tagħhom ebda miżura restrittiva ma tkun ġiet adottata.

129 Għaldaqstant, il-Kunsill wettaq żball ta' evalwazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata, billi applika għar-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll".

130 Konsegwentement hemm lok li jintlaqa' t-tieni motiv u li jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata hija infondata, billi din tapplika għar-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll".

131 Id-deċiżjoni kkontestata għandha għaldaqstant tiġi annullata bħala, parzjalment, insuffiċjentement immotivata (punt 87 hawn fuq) kif ukoll kuntrarja għall-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (punt 104 hawn fuq) u, parzjalment, infondata (punt 130 hawn fuq).

Fuq l-atti kkontestati

132 Kif ġie osservat fil-punti 90 u 91 hawn fuq, mill-motivazzjoni tal-atti kkontestati esposta fil-punt 24 hawn fuq jirriżulta li din hija bbażata b'mod partikolari fuq l-applikazzjoni għar-rikorrent tal-kriterju tal-"kontroll", stabbilit fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tad-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, u hija bbażata b'mod iktar speċifiku, f'dan ir-rigward, fuq il-fatt li huwa kien ikkontrollat mill-Fondazzjoni u, permezz ta' din tal-aħħar, mill-Mexxej.

133 L-argumenti tar-rikorrent jistgħu jiftiehmu, essenzjalment, bħala li jakkużaw lill-Kunsill, fid-deċiżjoni kkontestata, li wettaq żball ta' evalwazzjoni billi kkunsidra li huwa kien ikkontrollat minn persuna jew entità rrikonoxxuta li tipparteċipa, billi hija direttament assoċjata jew tagħti appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012.

134 Għar-raġunijiet li ġew esposti fil-punti 123 sa 125 hawn fuq, il-Kunsill jawtorizza li jiġu adottati miżuri restrittivi biss fir-rigward ta' persuni u ta' entitajiet li huma kkontrollati minn persuni jew minn entitajiet li ismijiethom ġew inklużi f'lista ta' persuni u ta' entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi, bħala persuni jew entitajiet "irrikonoxxuti" jew "identifikati" li jipparteċipaw, billi huma direttament assoċjati jew li jagħtu appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari.

135 B'risposta għal domanda bil-miktub tal-Qorti Ġenerali (punt 42 hawn fuq), il-Kunsill irrikonoxxa li, fil-mument fejn l-atti kkontestati ġew adottati, la l-isem tal-Fondazzjoni u lanqas l-isem tal-Mexxej ma kienu inklużi fil-lista kkontestata, li tinkludi l-isem ta' persuni u ta' entitajiet uffiċjalment irrikonoxxuti jew identifikati li jipparteċipaw, billi huma direttament assoċjati jew li jagħtu appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012. Għaldaqstant, il-Kunsill ma huwiex awtorizzat li jadotta dawn l-atti, billi dawn japplikaw għar-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll".

136 Għaldaqstant, il-Kunsill wettaq żball ta' evalwazzjoni fl-atti kkontestati, billi applika għar-rikorrent il-kriterju tal-"kontroll".

137 Minn dan isegwi li l-atti kkontestati huma infondati, fil-parti li japplikaw għar-rikorrent il-kriterju tal-'kontroll'.

138 Madankollu, sa fejn l-atti kkontestati huma fondati fuq l-applikazzjoni ta' żewġ kriterji differenti, dan l-iżball fil-mertu waħdu ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-annullament tal-imsemmija atti, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 113 hawn fuq, skont liema l-osservanza ta' kriterju wieħed previst mil-leġiżlazzjoni li tipprevedi miżuri restrittivi hija suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri.

139 Fil-fatt, kif ġie osservat fil-punt 90 hawn fuq, mill-motivazzjoni tal-atti kkontestati esposti fil-punt 24 hawn fuq jirriżulta li dawn huma bbażati wkoll fuq l-applikazzjoni għar-rikorrent tal-kriterju tal-"appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran", stabbilit fl-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012, u, b'mod iktar speċifiku, fuq il-fatt li r-rikorrent "[kien] jipprovdi servizzi finanzjarji lill-Fondazzjoni […] u l-grupp tagħha ta' unitajiet u kumpanniji sussidjarji"

140 Sa fejn, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Kunsill jirreferi għall-ħlas, imwettaq mir-rikorrent favur il-Fondazzjoni, ta' "dividendi u bonusijiet" u, b'mod partikolari, għall-fatt li mill-memorandum tal-assoċjazzjoni tar-rikorrent u mill-kontabbiltà għas-sena fiskali li ngħalqet fl-20 ta' Marzu 2010, li ġew prodotti bħala anness għar-rikors, jirriżulta li, bħala azzjonista tar-rikorrent, il-Fondazzjoni tirċievi dividendi u bonusijiet sinjifikattivi, dawn l-argumenti ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni, sa fejn ma humiex konnessi mal-motivazzjoni speċifika inkluża fl-atti kkontestati sabiex tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni għar-rikorrent tal-kriterju ta' "appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran", jiġifieri li huwa "[kien] jipprovdi servizzi finanzjarji lill-Fondazzjoni […] u l-grupp tagħha ta' unitajiet u kumpanniji sussidjarji".

141 Fil-fatt, id-distribuzzjoni ta' dividendi jew ta' bonusijiet minn kumpannija lill-azzjonisti tagħha ma tistax tiġi ekwiparata mal-provvista ta' servizz finanzjarju mill-ewwel lit-tieni. Fl-ambitu ta' dan l-argument, il-Kunsill qed jipprova għalhekk, li jinvoka provi oħra barra dawk li fuqhom l-atti kkontestati ġew adottati.

142 Madankollu, il-legalità tal-atti kkontestati tista' tiġi evalwata biss abbażi tal-provi ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ġew adottati u l-Qorti Ġenerali ma tistax tilqa' l-istedina magħmula mill-Kunsill li twettaq, b'mod definittiv, sostituzzjoni tar-raġunijiet li fuqhom huma bbażati dawn l-atti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2012, Oil Turbo Compressor vs Il-Kunsill, T-63/12, EU:T:2012:579, punt 29).

143 Konsegwentement, l-argumenti tal-Kunsill ibbażati fuq id-distribuzzjoni ta' dividendi jew ta' bonusijiet lill-Fondazzjoni ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tal-atti kkontestati, fil-parti li japplikaw għar-rikorrent il-kriterju tal-"appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran".

144 Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill jinvoka biss id-distribuzzjoni mir-rikorrent ta' dividendi u ta' bonus lill-Fondazzjoni, filwaqt li r-raġunijiet tal-atti kkontestati jirreferu għal servizzi finanzjarji pprovduti mir-rikorrent mhux biss lill-Fondazzjoni stess, iżda wkoll lill-"grupp tagħha ta' unitajiet u kumpanniji sussidjarji".

145 Barra dan, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Kunsill jirreferi għall-fatt li mill-memorandum tal-assoċjazzjoni tar-rikorrent u mill-kontabbiltà għas-sena fiskali li ngħalqet fl-20 ta' Marzu 2010 jirriżulta li, bħala azzjonista tar-rikorrent, il-Fondazzjoni "tipparteċipa għal serje ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu[ha]".

146 Ir-rikorrent jargumenta, min-naħa tiegħu, li "l-Kunsill ma ressaq ebda prova formali li turi li [hu] ta xi prijorità lil xi korp pubbliku jew lil xi impriża parastatali" u josserva li "d-dħul u l-kontijiet tal-kumpannija jikkonfermaw li l-kważi totalità tas-self, krediti u servizzi oħra tiegħu […] huma offerti lil (u użati minn) individwi u impriżi privati, pjuttost li għall-gvern u għal entitajiet pubbliċi" u li "s-servizzi u s-self tiegħu […] huma offerti lil (u użati minn) klijentela klassika ta' individwi u ta' impriżi, u mhux mill-gvern u għall-istabbilimenti u impriżi nazzjonali", b'riferiment f'dan ir-rigward għal lista ta' klijenti prinċipali għall-perijodu mix-xahar ta' Marzu sax-xahar ta' Novembru 2010, prodotti bħala anness mar-rikors.

147 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kriterju tal-"appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran", li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi bil-għan li jsaħħaħ il-pressjonijiet eżerċitati fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, jirrigwarda biss l-attività ta' persuna jew ta' entità li, indipendentement minn kwalunkwe rabta, diretta jew indiretta, stabbilita mal-proliferazzjoni nukleari, tista', permezz tal-rilevanza kwantitattiva jew kwalitattiva, tiffavorixxi l-imsemmija proliferazzjoni, billi tipprovdi lill-Gvern tal-Iran appoġġ, f'forma ta' riżorsi jew faċilitajiet ta' natura materjali, finanzjarji jew loġistiċi, li jippermettulu jsegwi din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2014, National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill, T-578/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:678, punti 118 sa 120, 140 u 141). Il-kriterju tal-"appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran" ma jirrigwardax għalhekk kull forma ta' appoġġ, anki jekk minimu jew simboliku, provdut lill-Gvern tal-Iran, iżda biss il-forom ta' appoġġ li, bir-rilevanza kwantitattiva jew kwalitattiva tagħhom, jistgħu jippermettu lil dan il-gvern li jsegwi l-proliferazzjoni nukleari. Interpretat, taħt l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, fid-dawl tal-għan li jikkonsisti f'li ssir pressjoni fuq il-Gvern tal-Iran sabiex jiġi mġiegħel itemm l-attivitajiet tiegħu li jippreżentaw riskju ta' proliferazzjoni nukleari, il-kriterju kkontestat jiddefinixxi b'mod oġġettiv lil kategorija definita ta' persuni u ta' entitajiet li jistgħu jkunu s-suġġetti għal miżuri ta' ffriżar ta' fondi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2014 National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill, mhux ippubblikata, EU:T:2014:678, punt 119).

148 F'dan il-każ, il-Kunsill mhux qed jallega li r-rikorrent jipprovdi direttament appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran, iżda li huwa jipprovdi da l-appoġġ "permezz tal-Fondazzjoni". Għalhekk, fil-motivazzjoni tal-atti kkontestati, anki jekk il-Fondazzjoni hija kklassifikata bħala "entità parastatali ewlenija Iranjana kkontrollata direttament mill-Mexxej", din ma hijiex ekwiparata, purament u sempliċiment, mal-Gvern tal-Iran.

149 Din l-applikazzjoni indiretta tal-kriterju tal-“appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran” mhux iġġustifikata, fid-dawl tal-għan segwit mill-imsemmi kriterju, kif imfakkar fil-punt 147 hawn fuq, jekk jiġi stabbilit biss li l-persuna jew l-entità twettaq rwol ta’ intermedjarja jew tipprovdi hija nfisha appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012, jew li tisfa strumentalizzata mill-imsemmi gvern sabiex ssegwi l-proliferazzjoni nukleari.

150 F’dan il-każ, ma ġiex stabbilit li l-Fondazzjoni kienet tipprovdi appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012.

151 Is-sempliċi fatt, invokat mill-Kunsill, li l-Fondazzjoni hija “entità parastatali ewlenija Iranjana kkontrollata direttament mill-Mexxej” ma huwiex suffiċjenti sabiex jistabbilixxi li hija tipprovdi appoġġ li, bir-rilevanza kwantitattiva jew kwalitattiva tiegħu, jista’ jippermetti lil din tal-aħħar li ssegwi l-proliferazzjoni nukleari, kif meħtieġ mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 147 hawn fuq, jew li hija strumentali għat-twettiq mill-Gvern tal-Iran tal-proliferazzjoni nukleari.

152 Barra dan, isem il-Fondazzjoni ma ġiex inkluż mill-Kunsill fil-lista kkontestata fost il-persuni u l-entitajiet irrikonoxxuti jew identifikati bħala li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012, jew fost il-persuni u l-entitajiet li jipparteċipaw, billi huma direttament assoċjati jew li jagħtu appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari, fis-sens tal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 267/2012.

153 Fl-aħħar nett, fil-kuntest ta’ din il-proċedura fil-kuntest ta’ din il-proċedura, il-Kunsill ma pprovda ebda prova li tikkonferma li il-Fondazzjoni pprovdiet appoġġ lill-Gvern tal-Iran fejn hija pparteċipat, billi direttament assoċjat ruħha jew tat appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari.

154 Iċ-ċirkustanzi li jiġġustifkaw applikazzjoni indiretta tal-kriterju tal-“appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran” mir-rikorrent (punt 149 hawn fuq) ma humiex għaldaqstant issodisfatti f’dan il-każ.

155 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-Kunsill wettaq żball ta’ evalwazzjoni fl-atti kkontestati, fejn applika l-kriterju tal-“appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran” lir-rikorrent.

156 Konsegwentement, u mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi eżaminat jekk ir-rikorrent pprovdiex servizzi finanzjarji lill-Fondazzjoni hemm lok li jintlaqa’ t-tieni motiv u li jiġi kkonstatat li l-atti kkontestati huma infondati, fejn japplikaw il-kriterju tal-“appoġġ [...] lill-Gvern tal-Iran” lir-rikorrent.

157 L-atti kkontestati għandhom għaldaqstant jiġu miċħuda bħala infondati.

158 Fid-dawl tal-konklużjonijiet magħmula fil-punti 131 u 157 hawn fuq hemm lok li dan ir-rikors jintlaqa’ fl-intier tiegħu u li jiġu annullati l-atti kkontestati.

Fuq l-effetti fiż-żmien tal-annullament tal-atti kkontestati

159 Kif indika l-Kunsill fir-risposta għal domanda bil-miktub tal-Qorti Ġenerali (punt 42 hawn fuq), l-effetti tal-l-inklużjoni ta’ isem ir-rikorrent fil-lista kkontestata huma sospiżi, konformement mal-Artikolu 26(5) tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2015/1863 tal-Kunsill, tat-18 ta’ Ottubru 2015 (ĠU 2015, L 274, p. 174), applikabbli mis-16 ta’ Jannar 2016, konformement mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/37 tal-Kunsill, tas-16 ta’ Jannar 2016, dwar id-data ta’ applikazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1863 (ĠU 2016, L 11 I, p. 1). Madankollu filwaqt li l-isem tar-rikorrent jibqa’ inkluż fil-lista kkontestata, b’effett tad-Deċiżjoni 2015/1008 tar-Regolament ta’ Implementazzjoni 2015/1001, dan jirriskja li jiġu stabbiliti mill-ġdid miżuri restrittivi meħuda fil-konfront tiegħu, f’każ fejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ma tosservax l-impenji li hija suġġetta

għalihom fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Istati Uniti tal-Amerika u tal-Federazzjoni Russa, bl-5-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, fil-kuntest ta' pjan ta' azzjoni konġunt li jiddefinixxi jistabbilixxi approċċ għall-kisba ta' soluzzjoni komprensiva fit-tul rigward tal-proliferazzjoni nukleari.

160 F'dak li jirrigwarda r-Regolament Nru 2015/1001, għandu jitfakkar li, bis-saħħa tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 60 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'deroga għall-Artikolu 280 TFUE, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jannullaw regolament ikollhom effett biss mid-data tal-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' appell previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-imsemmi Statut jew, jekk appell jiġi ppreżentat f'dan it-terminu, mid-data taċ-ċaħda tal-appell.

161 F'dan il-każ, ir-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001 għandu n-natura ta' regolament fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 60, tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, peress li l-Artikolu 2 tiegħu jipprevedi li għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha, effett li jikkorrispondi għall-effetti ta' regolament kif previsti fl-Artikolu 288 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' April 2016, Il-Kunsill vs Bank Saderat Iran, C-200/13 P, EU:C:2016:284, punt 121). It-tieni paragrafu tal-Artikolu 60, tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huwa għaldaqstant applikabbli għar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001.

162 Għaldaqstant, il-Kunsill għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, konformement mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 60 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, terminu ta' xahrejn, miżjud bit-terminu ta' distanza ta' għaxart ijiem, min-notifika ta' din is-sentenza, sabiex jirrimedja għall-ksur ikkonstatat fir-rigward tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001, billi jadotta, jekk ikun il-każ, miżuri restrittivi ġodda fir-rigward tar-rikorrent.

163 F'dak li jirrigwarda d-Deċiżjoni 2015/1008, għandu jitfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, il-Qorti Ġenerali tista', jekk tikkunsidra dan meħtieġ, tiddikjara liema mill-effetti ta' att li ġie ddikjarat null għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivi. F'dan il-każ, l-eżistenza ta' differenza bejn id-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' annullament tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001 u dik tal-iskadenza tal-effetti tad-Deċiżjoni 2015/1008 tista' twassal għal ksur serju taċ-ċertezza legali, sa fejn id-Deċiżjoni 2015/1008 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001 jipprevedu l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi identiċi fuq ir-rikorrent. Għaldaqstant, hemm lok li jinżammu l-effetti tad-Deċiżjoni 2015/1008, sa fejn din iżżomm isem ir-rikorrent inkluż fil-lista li tinsab Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' din is-sentenza, sa fejn din tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001, sa fejn dan iżomm isem ir-rikorrent inkluż fil-lista li tinsab Fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-6 ta' Settembru 2013, Persia International Bank vs Il-Kunsill, T-493/10, EU:T:2013:398, punt 129 (mhux ippubblikata) u l-ġurisprudenza ċċitata].

164 Peress li l-atti kkontestati l-oħra ma għadhomx jipproduċu effetti attwali, ma humiex ikkonċernati mill-applikazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE.

Fuq l-ispejjeż

165 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kunsill tilef, hemm lok li huwa jiġi kkundannat ibati l-ispejjeż, skont it-talbiet tar-rikorrent.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif tirriżulta mill-Avviż tal-15 ta' Marzu 2014 għall-attenzjoni ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, li tinżamm l-inklużjoni ta' isem Sina Bank fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK, tal-25 ta' Ottubru 2010, u fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010, hija annullata.**

2) **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/776/PESK, tas-7 ta' Novembru 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1203/2013, tas-26 ta' Novembru 2013, li jimplimenta r-Regolament Nru 267/2012, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1008, tal-25 ta' Ġunju 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1001, tal-25 ta' Ġunju 2015, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012, huma annullati sa fejn żammew l-inklużjoni ta' isem Sina Bank fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, jew fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012.**

3) **L-effetti tad-Deċiżjoni 2015/1008 għandhom jinżammu, f'dak li jirrigwarda Sina Bank, mid-data tad-dħul tagħha fis-seħħ sad-data tal-iskadenza tat-terminu tal-appell minn din is-sentenza, previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56, tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew, jekk ikun ġie ppreżentat appell f'dan it-terminu minn din is-sentenza, sad-data ta' meta jiġi miċħud dan l-appell.**

4) **Il-Kunsill huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

Kanninen Pelikánová Buttigieg

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża 2

1. Miżuri restrittivi adottati kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran 2

2. Miżuri restrittivi li jikkonċernaw ir-rikorrent 2

Fatti li seħħew wara l-preżentata ta' dan ir-rikors 4

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet 6

Id-dritt 7

1. Fuq l-ammissibbiltà 7

Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel kap tat-talbiet, sa fejn jirrigwarda l-annullament tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn dan jirrigwarda r-rikorrent 7

Fuq l-ammissibbiltà tat-tielet kap tat-talbiet 8

2. Fuq il-mertu 10

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' rispett lejn id-drittijiet tad-difiża u lejn id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva 10

Fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni 10

– Fuq id-deċiżjoni kkontestata 11

– Fuq l-atti kkontestati 13

Fuq ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva 14

– Fuq id-deċiżjoni kkontestata 14

– Fuq l-atti kkontestati 15

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni 16

Fuq id-deċiżjoni kkontestata 17

Fuq l-atti kkontestati 18

Fuq l-effetti fiż-żmien tal-annullament tal-atti kkontestati 21

Fuq l-ispejjeż 22